## L-Imgħallem li bena l-Bażilika ta' Marija Bambina tal-Belt Senglea

# Joseph Sammut

### 28.12.1908 — 16.2.1989



**Joseph Sammut**, twieled ġewwa Birkirkara fl-20 ta' Diċembru 1908. Kien l-iżgħar wild fost sitt aħwa ta' Antonio u Carmela née Balzan. Wara t-twelid ta' Joseph, il-familja Sammut marret toqgħod il-Gżira. Tmint ijiem wara li twieled Joseph, fit-28 ta' Dicembru 1908, kien sar it-terremot ta' Messina fejn kienu mietu 70,000 ruħ.

F'Malta, it-tsunami b'mewġ ta' tmien metri għoli, ikkawża li l-baħar jitla' l-art. Saħansitra fl-Imsida, meta l-baħar irtira, setgħu jiġbru l-ħut mit-triq. Carmela, omm Joseph, instemgħet tgħid lil żewġha li kellha ż-żarbun u riġlejha mxarrbin fi Triq d'Argens, il-Gżira.

Kien jattendi l-iskola tal-Freres ġo Villa Schinas f'Tas-Sliema u minn età żgħira wera x-xewqa fis-sengħa tal-bini. Għalhekk mar jitħarreġ f'din is-sengħa fil-klassijiet ta' filgħaxija għax ta' età hekk żgħira kien diġà kapaċi jħażżeż *sketches* u disinji arkitettoniċi li għadhom jeżistu sal-lum ġo *drawing book,* u li l-Perit Edward Said jikkummenta li kull paġna hija lezzjoni għall-periti tal-lum. Ta' dan, Sammut kien irċieva ċertifikat ta' *Maestrino.*

Billi kien għadu taħt l-età, missieru Antonio kien jieħu l-kuntratti iżda kien ikun it-tifel li jmur mal-ħaddiema. Kien strumentali li fi żmienu tpoġġew arbli tal-elettriku sal-Marfa biex titwassal il-provista tad-dawl sal-gżira t'Għawdex.

Għamel ukoll ħafna xogħol fil-*Power Station* li kien hemm fin-niżla tal-Kurċifiss fil-Furjana u hija ħasra li ż-żewġ ċmieni li kienu jsebbħu l-Port il-Kbir twaqqgħu.

Wieħed mix-xogħlijiet tiegħu hija l-fabbrika tad-dqiq, *Pisani Flour Mills* li għadha **wieqfa** sal-lum u li kien ħadem ma' Giuseppe Fenech u li tinsab fin-niżla tal-Għolja ta' *Spencer* fil-Marsa.

Sammut kien żamm il-ħaddiema kollha li kellu missieru biex jibda jieħu x-xogħlijiet għar-*Royal Engineers* u d-Direttorat tal-*Air Ministry.* Fil-Gwerra kien qiegħed jibni l-*Officers Mess* ġewwa l-bażi ta' Kalafrana.

Waqt it-Tieni Gwerra Dinjija, Sammut kien imur mal-ARP sabiex jagħti l-għajnuna fejn kien jiġi milqut bil-bombi u fid-djar imwaqqgħin tal-Belt Valletta u Tas-Sliema.

Fil-Belt Valletta, Sammut irrestawra l-kampnar tal-Pro-Katidral Protestant ta' San Pawl; il-portiku tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann u salva l-iskultura tal-kappella fil-Berġa tal-Ġermanja; il-bini tal-knisja ta' San Nikola magħrufa bħala tal-Erwieħ u l-bini tal-kampnar u ċ-ċenaklu tal-knisja ta' Santu Wistin. Xtaq jirrestawra wkoll it-Teatru Rjal.

Fl-1946 l-imgħallem Sammut mar l-Isla fejn ra d-diżastru u l-ħerba tal-Bażilika li kienet iġġarrfet fl-1942. Imma Joseph qatt ma qata' qalbu meta kien jara l-ħtieġa li tinbena l-knisja. Beda biex irrestawra l-Oratorju tal-Kurċifiss u kompla bil-bini mill-kor, il-koppla u 'l barra.

Kellu jħott il-faċċata billi kienet theżżet bil-bombardamenti. Sammut kien ukoll issottometta pjanti tal-faċċata l-ġdida, iżda kienu ġew miċħuda mill-*War Damage Commission.*

Ma qatax qalbu għax bl-għajnuna ta' sieħbu l-iskultur Marco Montebello għamel mudell ta' kampnar li s-Sengeani approvawh minnufih.

Hekk kif il-bini tal-knisja kien għoddu spiċċa, Joseph tella' l-qniepen kollha ġol-kampnari u l-istatwa tal-irħam ta' Ommna Reġina tas-Sema kif ukoll rama l-kolonni tat-tribuna xi żmien wara.

Aktar xogħlijiet li għamel Sammut kienu: l-statwa ta' Kristu Re li ttellgħet fuq il-faċċata tal-knisja ta' San Publiju l-Furjana, fil-Gżira tella' l-qniepen ġol-kampnari u ż-żewġ statwi fuq il-faċċata. Kien jagħti daqqa t'id biex saru xi xogħlijiet interni tal-knisja tal-Madonna tal-Karmnu magħrufa bħala tal-Ġebla.

Fi xjuħitu bena l-knisja ta' Sant Antnin f'Għajn Dwieli f'Raħal Ġdid li ttellgħet fi 17-il xahar.

Fi ftit żmien, Joseph Sammut, l-imgħallem u benefattur tal-bażilika tal-Isla, marad u miet daħkan fis-16 ta' Frar 1989 għax fuq is-sodda tal-mewt tiegħu, l-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof Joseph Mercieca lissen dawn il-kliem: "Alla qatt ma jabbanduna lil dawk li bnewlu knejjes għall-glorja Tiegħu".

*Mill-ktieb ta' Victor Sammut*
*"A Legacy of Church Builders"*

Nota:
Victor Sammut huwa t-tifel tal-Imgħallem Joseph Sammut.

Café La Sengle

Cafeteria & Pastizzeria

(Prop. Doris Saliba Dingli)

Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Senglea • Tel: 2169 2815

(ħdejn il-Knisja tal-Vitorja)




Issetjat u stampat: Best Print Co. Ltd., il-Qrendi • Tel: 21 680 789